MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Numru 555/2014

**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**GIANELLA MARIE OKEAKPU**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Gianella Marie Okeakpu, bint Alfred Bugeja u Maria Dolores nee' Abela, mwielda 21 ta' April 1988 Pieta', residenti Chalton, Flat 9, Triq J. Guintinus, San Pawl il- Bahar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 237088M;

> Talli f' dawn il- Gzejjer, fit- 13 ta' Ottubru 2010 u f' xi hin wara l- 5.00pm b' mod li jkun xjentament, ghenet jew assistiet lil awtur tad- delitt ta' serq aggravat fl- atti li bihom id- delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat b' dan li l- awtur tad- delitt, ikkommetta serq ta' oggetti ghad- detriment tas- sidien ta' Blye Engineering Co. Ltd., Triq in- Naxxar, San Gwann u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil- valur li ma jeccedix €2,329.37 u bil- mezz;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputata giet mwissija solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi dan ir-reat kien jirrisali ghal madwar erba' snin qabel ma ttiehdu dawn il-proceduri, u llum l-imputata kienet qabdet triq ta' rijabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga;

Semghet lill-Ufficjal tal-Probation tal-imputata tikkonferma li kien hemm kambjament sostanzjali fil-hajja tal-istess imputata miz-zmien meta twettaq dak ir-reat sa llum;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 42(d), 261, 263, 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------